MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1739/1999/1

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta’ Lulju 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ppartecipaw f’cerimonja taz-zwieg fil-Parocca tad-Duluri, San Pawl il-Bahar fis-16 ta’ Ottubru 1992 u dan kif jindika minn Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. “A”;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet jew b’ anomalija psikologika

serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-konvenut froda lill-attrici fil-kunsens taz-zwieg billi naqas li juriha li kellu kwalita’ essenzjali nieqsa li minn natura taghha setghet tkisser il-hajja matrimonjali ta’ bejniethom u liema kwalita’ huwa kien jaf bl-ezistenza taghha qabel iz-zwieg;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fis-16 ta’ Ottubru 1992 huwa null u bla effett fil-Ligi u dan prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja *ai termini* tal-**artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi u tordna li l-effetti ta’ zwieg validu kienu jezistu sa llum meta n-nullita’ taz-zwieg issir res judicata u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 8 ta’ Marzu 2000 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-partijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 18 ta’ April 2000 a fol. 12 tal-process fejn ecceppixxa illi:-

1. Illi huwa jaqbel illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju u fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

2. Illi rigward it-talba attrici li z-zwieg ghandu jigi annullat peress illi l-konvenut froda lill-attrici fil-kunsens taz-zwieg billi naqas li juriha li kellu kwalita essenzjali nieqsa li minn natura taghha setghet tkisser il-hajja matrimonjali ta' bejniethom u liema kwalita huwa kien jaf bl-esistenza taghha qabel iz-zwieg, il-konvenut jissottometti illi din l-allegazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez *stante* illi dak li hu allegat mill-attrici huwa inveritjier u infondat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

3. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 13 u fol. 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datata 12 ta' Gunju 2000, fejn giet nominata Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta datati 7 ta' Novembru 2000 u 20 ta' Frar 2001 rispettivament fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Edwina Grima fis-6 ta' Ottubru 2000 fejn ma sar xejn, fis-26 ta' Ottubru 2000 fejn xehdet **"A"**, fit-12 ta' Dicembru 2000 fejn ma' sar xejn, fil-15 ta' Jannar 2001 fejn regghat xehdet **"A"**, fl-20 ta' Frar 2001, fis-7 ta' Marzu 2001, fis-27 ta' Marzu 2001, fit-8 ta' Mejju 2001, fis-6 ta' Gunju 2001, fil-5 ta' Lulju 2001 u fis-26 ta' Lulju 2001 fejn ma' sar xejn u ma' instemghet ebda xhieda kif jirrizulta minn fol. 22 sa fol. 28 tal-process.

Rat il-verbali ulterjuri tal-Perit Legali ghas-seduti quddiemha datati 28 ta' Settembru 2001 u 1 ta' Novembru 2001, 6 ta' Marzu 2003 fejn ma' sar xejn, izda *a tergo* ta' fol. 48 tal-process hemm verbal in iskritt iffirmat mill-perit legali fejn jinghad li *"d-difensuri tal-partijiet informaw lill-*

*perit legali illi ma fadlilhomx aktar provi u awtorizzawha tghaddi ghar-rapport. Ghalhekk l-ahhar seduta li giet iffissata giet ikkancellata".*

Rat il-verbal quddiem il-Qorti diversament presjeduta datat 19 ta' Settembru 2001, fejn il-kawza giet differita ghar-rapport ghad-9 ta' Jannar 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 9 ta' Marzu 2002, fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti ghas-27 ta' Marzu 2002.

Rat l-avviz ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Marzu 2002 fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-13 ta' Gunju 2002.

Rat l-ewwel verbal quudiem din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta datat 13 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali nformat lill-Qorti li kien baqa' l-ahhar seduta ghall-provi attrici ghas-27 ta' Gunju 2002, u l-kawza giet differita sabiex l-istess perit legali tesplita l-inkarigu taghha ghat-28 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 28 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti rat l-ahhar digriet taghha tat-13 ta' Gunju 2002 minn fejn irrizulta li l-provi attrici kienu ghadhom ma nghalqux u ordnat li ssir l-ahhar seduta ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u wara tali seduta l-provi attrici gew dikjarati maqghluqa. Inghata Digriet sabiex il-konvenut jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura ta' l-affidavits b' terminu ta' erbghin (40) jum li kellhom jibdew mid-data ta' l-ahhar seduta attrici. Wara tali terminu l-Qorti ordnat lill-Perit Legali tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut, u wara tali seduti l-istess Perit Legali giet awtorizzata biex tirrelata.

Rat in-nota tal-konvenut datata 4 ta' April 2003 a fol. 63, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu **"B"** datat l-1 ta' April 2003.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti giet infurmata mid-difensuri tal-partijiet li l-gbir tal-provi kien ghadu fi stadju tal-provi attrici w l-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghar-rapport ghat-28 ta’ Jannar 2004 u saret komunika lill-Perit Legali fit-28 ta’ Ottubru 2003.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Jannar 2004, fejn il-Qorti ghal darba ohra ordnat li l-provi attrici jigu maghluqa fi Frar 2004 u wara tali seduta il-Perit Legali mhux awtorizzata tiffissa seduti aktar ghall-provi attrici. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut, b'mod li r-rapport jigi pprezentat sad-differiment li jmiss. F’din is-seduta dehret biss Dr. Ilona Debono ghall-konvenut u l-Perit Legali baqghet ma dehritx izda giet kkomunikata bl-istess verbal fit-18 ta’ Frar 2004 kollox kif jidher a fol. 70 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Edwina Grima fil-25 ta’ Frar 2004 fejn xehdet l-attrici **“A”** in kontro-ezami a fol. 73 sa fo. 75 tal-process.

Rat kopja ta’ l-affidavit tal-konvenut **“B”** minn fol. 76 sa fol.79. datat l-1 ta’ April 2004.

Rat il-kont tad-dritt li gie intaxxat lill-Perit Legali datat 26 ta’ Mejju 2004 a fol. 81 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Mejju 2004 fejn il-Perit Legali Dr. Edwina Grima li nfurmat lill-Qorti li prezentat ir-rapport.

Rat il-verbal datat datat 4 ta’ Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita b’ordni tal-Qorti ghat-12 ta’ April 2005.

Rat il-verbal datat 12 ta’ April 2005, fejn Dr Christian Grima ghall-attrici nforma lill-Qorti li r-rapport thallas. Dr Ilona Debono giet imsejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-Qorti awtorizzat lill-Perit Legali tahlef ir-rapport fir-Registru *purche'* jkollha l-kunsens biex taghmel dan permezz ta' nota minn Dr. Ilona Debono liema nota kellha tigi prezentata fi zmien ghaxart (10) t’ijiem mid-data ta’ l-

imsemmi digriet, liema digriet gie kkomunikat lil Dr. Ilona Debono fl-20 ta’ April 2004 u lil Dr. Daniela Chetcuti fit-3 ta’ Mejju 2005, kollox kif jidher a fol. 83 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 28 ta’ April 2005, a fol. 84, li permezz taghha ta l-kunsens tieghu lil Perit Legali Dr. Edwina Grima biex tahlef ir-rapport fir-Registru, tali nota iffirmata minn Dr. Ilona Debono ghall-istess konvenut.

Rat ir-rapport ta’ Dr. Edwina Grima minn fol. 85 sa fol. 107 tal-process pprezentat fl-20 ta’ Mejju 2004 u mahluf fir-registru fis-16 ta’ Gunju 2005 kif jidher fil-fatt a fol. 107 tal-process.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Ottubru 2005, fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li kienu jinsabu nfurmati li r-rapport gie mahluf fir-Registru fis-16 ta' Gunju 2005. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici xehdet u qalet illi hija kienet ser taghlaq 20 sena meta ltaqghet mal-konvenut u hu kellu 32 sena. Huma ltaqghu fuq il-post tax-xoghol tieghu li kien jinsab qrib hafna fejn kienet toqghod l-attrici. Damu johorgu flimkien madwar sentejn u nofs qabel iz-zwieg. L-attrici tghid illi hija kienet tiehu gost fil-kumpanija tal-konvenut u kienet tghinu fix-xoghol tieghu ta’ *sport trophy manufacturing*. Tghid illi huwa kien bniedem normali u kalm u hija ma kellhiex xi tgorr minnu meta kienu johorgu flimkien. Huma kienu jiltaqghu fuq bazi regolari. Madwar erba’ xhur wara li

bdew johorgu flimkien, l-attrici ltaqghet mal-genituri tieghu, izda fl-istess perjodu huma kienu infirdu ghaliex l-konvenut ma riedx ikompli johrog ma' l-attrici, minghajr spjegazzjoni u baqghu mifrudin ghal madwar xahrejn. Hija izda regghet fitxittu u regghu bdew johorgu flimkien. Ir-relazzjoni taghhom baqghet l-istess. Kienu jiltaqghu hafna x-xoghol tieghu u meta hija kienet tkun *off* mix-xoghol, huma kienu johorgu. Dana kien jigri madwar darbtejn fil-gimgha. Sena u nofs wara li bdew johorgu flimkien huma iddecidew li jizzewgu. Id-decizjoni haduha flimkien u l-attrici tghid illi hija xtaqet tizzewweg. Hija kellha relazzjoni tajba anke mal-genituri tieghu u anke hu kellu relazzjoni tajba mal-genituri taghha.

Illi l-istess attrici xehdet li intimitajiet bejniethom qabel iz-zwieg kien hemm, izda l-att sesswali ma kienx ikun wiehed komplut hlief ghal certi granet specjali fix-xahar. Huma qatt ma uzaw l-ebda protezzjoni fl-att sesswali ghaliex kienu semplicement joqghodu attenti. Huma bdew bir-relazzjoni sesswali madwar disa' xhur wara li bdew johorgu flimkien u din id-decizjoni haduha flimkien. Ghall-attrici din kienet l-ewwel darba illi hija kellha x'taqsam sesswalment ma' ragel ghaliex l-konvenut kien l-ewwel *boyfriend steady* li kellha. Hija qatt ma staqsiet lill-konvenut jekk kellux relazzjonijiet ma' nisa ohra qabilha, izda taf illi huwa kellu *steady relationship* ohra qabel li damet madwar sitt snin, izda hija qatt ma staqsietu 'il ghaliex dina r-relazzjoni kienet spiccat.

Illi l-attrici tkompli tghid illi huma izzewgu fis-6 ta' Ottubru 1992, meta hija kellha tnejn u ghoxrin sena. Hija minn dejjem kellha ix-xewqa li jkollha t-tfal, izda min-naha tal-konvenut tghid illi r-reazzjoni tieghu kienet wahda ta' indifferenza. Huwa qatt ma qalilha li ma riedx ikollu it-tfal, pero' ma kienx juri herqa f'dan ir-rigward. Huwa qatt ma qalilha sabiex tiehu prekawzjonijiet artificjali u dejjem uzaw dawk naturali, kienu juzaw il-*withdrawal method*. Immedjatament wara z-zwieg madanakollu hija indunat illi hi u zewgha ma kienux ifittxu lil xulxin sesswalment. Ir-relazzjonijiet sesswali bejniethom kienu ikunu infrekwenti. F'dan l-istadju tax-xhieda l-attrici tikkontendi illi qabel iz-zwieg hija kienet bdiet tiehu il-*contraceptive pill* ghaliex

hija ma xtaqietx ikollha it-tfal mal-ewwel wara z-zwieg. Din kienet decizjoni taghhom it-tnejn.

Illi ftit wara iz-zwieg l-attrici tghid illi hija zviluppat *cystitis* fil-parti privata taghha. Hija taghti t-tort ta' dan lil zewgha ghaliex tghid illi huwa ma kienx igeniku u ghalhekk wara li zviluppat din il-kundizzjoni fiha hija bdiet toqghod hafna attenta qabel ma kien ikollha x'taqsam ma' zewgha. Tghid illi kwazi mal-ewwel wara iz-zwieg hija rrealizzat illi ma kellha l-ebda gibda lejn zewgha. Sena wara rrealizzat ukoll illi huma ma kienux ifittxu lil xulxin u li l-affarijiet ma kienux kif kienu qabel iz-zwieg. Meta kienu jifthiemu biex johorgu, zewgha kien jigi tard id-dar mix-xoghol, hija kienet tkun ghajjiena u ghalhekk ma kienx ikollha aptit tohrog tard.

Illi madwar sena u nofs wara z-zwieg hija tghid illi bdew jippruvaw ghat-tfal. Meta ghaddew tmien xhur u hija kienet ghadha ma inqabbditx tqila hija marret ghand il-ginekologu taghha Dr. John Mamo li kien ghamel xi testijiet fuqha u irrizulta li ma kien hemm xejn hazin fizikament fiha u ghalhekk ordnalhom sabiex jaghmlu *sperm analysis* ta' zewgha. Dan sar gewwa St.Mark's Clinic minn fejn irrizulta illi l-*isperm count* ta' zewgha kien "zero". Dana t-test gie ripetut izda r-rizultat hareg l-istess. Ghalhekk Dr. Mamo infurmahom illi f'dawn ic-cirkostanzi kien ser ikun impossibbli ghalihom illi ikollhom it-tfal. Kien infurmahom illi x'aktarx illi s-*seminal ducts* ta' zewgha kienu maghluqin. Minn hawn ir-relazzjoni ta' bejniethom bdiet tiddeterjora.

Illi l-attrici tghid illi f'dan il-perijodu huma marru joqghodu ghand omm ir-ragel gewwa l-Imsida. Dana sar kontra x-xewqa taghha. Tghid illi f'dan iz-zmien huma ma kellhomx opportunita' li jikkomunikaw ma' xulxin. Wara dana huma marru jabitaw gewwa ir-residenza tas-sajf tal-genituri tar-ragel taghha u sussegwentement regghu irirtornaw gewwa id-dar taghhom f'Bugibba. Hija tkompli tghid illi ghal habta ta' l-1996, zewgha kien mar jaghmel intervent mediku gewwa St. James Clinic u dana minghajr ma kien infurmaha b'dan. Zewgha kien qalilha illi kien mar jaghmel xi testijiet sabiex isib ir-raguni 'il ghala l-

*isperm count* tieghu kienet "*zero*". Izda wara saret taf illi kienu hadulu *biopsy* u irrizulta illi kellu *syndrome* tissejjah *"Kliniferter's Syndrome"* li hija kundizzjoni li tigi minn difett f'xi *chromosone* li taffettwa r-*reproductive organs*. Din tipproduci difett minhabba xi nuqqas ta' parti essenzjali ghal produzzjoni ta' l-isperma. Dana l-intervent kien sar minn Mr. Alex Attard li huwa kirurgu. Wara dan ir-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu hzienu ghall-ahhar u ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom. L-attrici ghalhekk iddecidiet illi tmur tkellem lil Father Samuel Chetcuti li kien il-Kappillan tal-parocca biex b'hekk tfittex ftit konfort u direzzjoni fis-sitwazzjoni li kienet tinstab fiha. Meta hija kienet infurmat lil dan il-kappillan illi zewgha kien mar jaghmel intervent minghajr ma qalilha huwa kien issugerixxa illi zewgha kien mar jaghmel xi *reversal* ta' *vasectomy* li kienet saret precedentement fuqu u li jekk dan kien il-kaz hija kellha bazi ghall-annullament. Izda meta hija affrontat lil zewgha b'dan huwa kien cahad. Hija saret taf ukoll illi din il-kundizzjoni fizika ta' zewgha kienet kongenita u tezisti ghalhekk mit-twelid. Ghalhekk ma' seta isir l-ebda intervent sabiex jikkoregi dan id-difett.

Illi l-attrici tghid li l-koppja kienu anke ippruvaw imorru ghal *counselling* fi hdan il-Moviment ta' Kana ghand *counsellor* jisimha Ines, izda dan ma sewa ghal xejn ghaliex is-sitwazzjoni ta' bejniethom ma inbiddlitx. Hija ma xtaqitx li tisseppara izda ftit wara kienet irceviet ittra minn ghand l-avukat tal-konvenut ghas-separazzjoni u fl-1996 huma kienu isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Pierre Attard.

Illi l-attrici tghid illi hija ma setatx taccetta l-fatt illi ma kienx ser ikollhom tfal u tafferma illi li kieku kienet taf bis-sitwazzjoni u kundizzjoni medika ta' zewgha, hija ma kinitx tikkuntratta zwieg mieghu. In kontro-ezami l-attrici tixhed u tghid illi meta hija ltaqghet mal-konvenut missierha kien diga' marad u fil-fatt kien miet xahrejn wara li huma kienu bdew johorgu flimkien. Peress illi kien hemm differenza ta' eta ta' tnax-il (12) sena bejnha u bejn il-konvenut, ommha kienet wissietha sabiex ma tizzewwigx malajr. Dana gara peress illi hija kienet damet sabiex tghid lil ommha li kienet qed tohrog mal-konvenut. Kienet qaltilha biss sena

u nofs wara u meta qaltilha infurmatha ukoll li kienet bi hsiebha tizzewweg sena u nofs wara.

Illi hija terga’ tghid illi madwar erba’ xhur li bdew johorgu flimkien, l-konvenut ried ihassar ir-relazzjoni taghhom u dana peress illi kienet giet xi *girlfriend* precedenti tieghu mill-Ingilterra ghal *holiday* u huwa beda johrog maghha. Damu mifrudin madwar tlett xhur u kienet hija li regghet avvicinatu u talbitu sabiex jirrangaw u hu kien accetta. Meta imbaghad iffissaw id-data taz-zwieg, ghax il-konvenut ried li jizzewgu sena wara. Hija xtaqet li jistennew ftit taz-zmien iktar, izda l-konvenut ma riedx minhabba l-impenji tax-xoghol tieghu.  Hija ghalhekk accettat kontra x-xewqa taghha, ghaliex bezghet li jekk ma taghmilx dan huwa kien ser jitlaqha.  Baqghu jiddiskutu din il-kwistjoni izda l-konvenut ma riedx jicaqlaq u ghalhekk accettat.  In kontro-ezami tghid illi hija kienet bdiet tiffrekwenta l-genituri tal-konvenut wara dan il-perijodu li damu mifrudin u ghalhekk seba’ xhur wara li iltaqghet mal-konvenut.

Illi fir-rigward il-qamar il-ghasel, hija tghid illi hija ma insistietx li jsiefru.  Hija kienet impenjata hafna fil-preparamenti ghat-tieg li kienet hadet hsieb wahedha u ghalhekk ma kellhiex mohh tippjana ghal *honeymoon*. Tghid illi x’aktarx illi l-konvenut kien staqsieha jekk reditx issiefer u hija qaltlu l-kliem: *“imbaghad naraw”*. Ghalhekk huma kienu marru Ghawdex ghal *honeymoon*.  Huwa kien qalilha li setghu jsiefru wara, u hija accettat. Hija terga ssostni illi fl-ewwel gimgha taz-zwieg hija bdiet tirrejalizza illi l-konvenut ma kienx qieghed ifittixha sesswalment u hija kienet komda b’dan il-fatt. Peress illi hija kienet tahdem bin-*night shift*, l-konvenut beda johrog fil-ghaxija wahdu meta hija kienet tkun xoghol. Meta imbaghad hija kienet tkun *off* fil-ghaxija, l-konvenut kien idum tard ix-xoghol u hija kienet tispicca id-dar wahedha. Xi gimghatejn wara iz-zwieg l-attrici saret taf illi f’okkazzjoni meta hija kienet xoghol fil-ghaxija l-konvenut kien mar jiekol ghand habiba tieghu.  Dana tafu ghaliex kien qalulha huwa stess.  Ghalkemm hija kienet wrietu illi ma kinitx tiehu gost li johrog wahdu, l-konvenut kien qalilha illi huwa kellu dritt ghal ftit zvog wara gurnata xoghol.

Illi l-attrici tinsisti li l-apatija bejniethom fl-att sesswali baqghet matul il-hajja mizzewga taghhom. Hija tghid illi xi erba’ xhur wara iz-zwieg l-konvenut kellu xi inkwiet fil-familja tieghu u kien ghamel madwar erba’ xhur ma jersaqx lejha sesswalment. Illum l-attrici tghid illi anke matul il-perijdou ta’ l-eghrusija ma kienx hemm gibda sesswali bejniethom u tiddefinixxi r-relazzjoni taghhom bhala wahda placida. Kienu iktar qieshom hbieb u il-hin flimikien kienu jghadduh ix-xoghol tieghu, imbaghad kienu johorgu xi darba fil-gimgha. Gieli kienu anke jifthiemu li ser johorgu, imbaghad il-konvenut kien jikkancella minhabba l-impenji tax-xoghol tieghu. Anke wara iz-zwieg huma baqghu jghixu l-istess hajja kwazi qieshom zewg hajjiet separati. Mhux l-ewwel darba illi kienet tmur id-dar filghaxija u tipprepara l-ikel ghaliex kien ighidilha li ser jirritorna fis-sebgha ta’ fil-ghaxija, imbaghad jasal fil-hdax, jew jifthiemu li ser johorgu u jasal id-dar tard.

Illi l-attrici tghid illi xtaqet ikollha it-tfal peress illi l-hajja wahedha kienet saret monotona. L-att sesswali minn dak in-nhar li hadu d-decizjoni li jippruvaw ghat-tfal kien isir bi skop wiehed biss u tiddeskrivi l-att bhala xi haga mekkanika u mhux att ta’ imhabba bejniethom. Rigward is-suspetti taghha illi l-konvenut kien ghamel *vasectomy* u li sussegwentment wara z-zwieg kien mar St.James Clinic sabiex jaghmel *reversal* kienu bdew wara l-konversazzjoni ma’ Father Samuel Chetcuti. Hija tghid *inoltre’* illi t-tabib qatt ma kien qalilhom li seta’ isir x’ intervent mediku sabiex jikkoregi l-kundizzjoni tal-konvenut u ghalhekk kellha d-dubbji taghha ‘il ghala l-konvenut kien mar jaghmel dan l-intervent. *Inoltre* meta huma kienu marru ghand *counselor* u hija infurmathom li kellhom kaz ta’ annullament, kien l-konvenut li hareg bl-idea illi seta’ jghid illi qabel iz-zwieg huwa kien ghamel *vasectomy* u hbielha dan il-fatt u ghalhekk hija kompliet tikkonferma is-suspetti taghha. Anke meta t-tabib kien tahom ir-rizultati ta’l-*isperm count* huwa qalilhom li s-sitwazzjoni kienet qiesha wahda fejn l-konvenut kellu id-ducts maghluqin. Anke meta kienet wriet ir-rizultati ta’ l-*isperm count* lill-konvenut, huwa ma kienx sorpriz u qalilha li kien basar li kellu din il-

kundizzjoni. Qabel iz-zwieg kien anke semma xi habib tieghu li kien ghamel *vasectomy*.

Illi barra minn dan l-attrici tallega li meta l-konvenut kien informa lill-ommu li ma setax ikollu t-tfal, hija qaltlu li meta kien zghir kien ha l-marda tal-*mumps* u ma kienx inghatalu kura peress illi f'dak iz-zmien huwa kien qieghed jghix ma' zijtu minhabba l-fatt illi kemm hi kif ukoll missieru kienu rikoverati l-isptar. L-attrici tghid illi l-*mumps* fis-subien qabel l-eta ta' l-izvilupp jista' jikkaguna l-isterilita' u ghalhekk kienet hassitha urtata illi omm l-konvenut ma kinitx gharrfitha b'dan qabel iz-zwieg u dana ghaliex li kieku kienet taf minn qabel iz-zwieg illi l-konvenut ma setax ikollu tfal, hija certament ma kinitx ser tizzewgu. L-attrici tghid finalment illi hija assolutament riedet ikollha t-tfal miz-zwieg u certament ma kinitx tikkontempla li tidhol ghaz-zwieg li kieku kienet taf illi minn dan iz-zwieg hija ma setax ikollha it-tfal. Kieku skopriet illi l-konvenut kellu din il-problema qabel iz-zwieg, hija ma kinitx tizzewgu.

Min-naha tieghu **il-konvenut "B"** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal illi l-attrici kienet toqghod kantuniera 'l boghod mill-hanut tieghu u kienet tmur il-hanut hdejh ghaliex l-attrici kienet interssata fix-xoghol tieghu u kienu joqghodu jitkellmu. Kellhom interessi komuni inkluz interess fl-isports. Damu b'kollox tlett snin gharajjes u jikkonferma illi hemm differneza ta' l-eta bejniethom ta' madwar hdax-il sena. Kienu johorgu flimkien l-izjed matul il-gurnata ghaliex l-attrici kellha tkun id-dar ghal habta tad-9:30p.m. Huwa sostna li l-attrici kienet tghidlu biex ma tghidx lil ommha li kienet qed tohrog mieghu u huwa kien ighidlha li ma setax jara raguni 'il ghala kellhom jahbu r-relazzjoni taghhom u ghalkemm meta kienu ftiehmu d-data taz-zwieg, hija ma kinitx ghadha qalet lil ommha bir-relazzjoni taghhom. Tul l-eghrusija taghhom kien miet missier l-attrici li certament qatt ma sar jaf bil-konvenut. Fil-fatt lil ommha kienet qaltilha bid-data taz-zwieg ftit xhur qabel u ommha kienet laqaghtu u dehret li kienet saret taf bi xi haga minn ghand il-girien.

Illi l-konvenut qal illi huwa ried jizzewweg principalment ghaliex xtaq li ikollu t-tfal u anke l-attrici dehret li riedet it-tfal. Meta bdew johorgu flimkien l-attrici kienet *student nurse* u fil-fatt dahhlet tahdem bhala *nurse* u ghadha tahdem hekk sa llum. Ohtha Catherine kienet izzewget lil Ray ta’ Hal Mann u wara z-zwieg l-attrici kienet tghidlu li mhux sew li ohtha qatt ma gemmghet xejn u issa qieghda fit-tajjeb. Il-konvenut qal illi xahar qabel iz-zwieg l-attrici bdiet tahsibha u riedet li jipposponu iz-zwieg b’xi xahar. Il-konvenut qal illi kien qalilha li xahar ma kienx ser jaghmel differenza u li kien ahjar li huma jikkancellaw kollox u jergghu jibdew mill-gdid. Huwa issugerielha sabiex taghmel xi erbat ijiem tahsibha u tinfurmah bid-decizjoni taghha izda hija qaltlu sabiex jizzewgu. Il-konvenut qal illi l-attrici ma reditx tmur *honeymoon* u meta kien staqsieha qabel iz-zwieg, hija qaltlu biex ghall-ewwel joqghodu d-dar imbaghad wara jaraw. Ghalhekk kien issugerielha li jmorru Ghawdex u hija kienet accettat. Jixhed li gimgha qabel it-tieg l-attrici kienet nervuza hafna u hu min-naha tieghu kien kalm. Dak in-nhar tat-tieg hija kienet wasslet qabblu l-knisja ghaliex lilu kienet waqqfitlu l-karozza. Lanqas ritratti jew *video* ma riedet fit-tieg u fil-fatt il-fotografu ghalkemm kien mar ghand l-konvenut, lanqas kien mar ghandha d-dar ghaliex ma reditux ghaliex qalet li ma ghandhomx dar sabiha.

Illi l-konvenut jixhed li l-attrici wara z-zwieg kienet qaltlu illi qabel ic-cerimonja hija kienet hadet xi zewg drinks. Wara it-tieg kienu hargu Paceville ma’ xi hbieb u wara marru d-dar. Il-konvenut jikkonferma illi huma kellhom relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg, izda meta bdiet toqrob id-data tat-tieg, l-attrici bdiet tingibed lura u wara z-zwieg hija baqghet izjed tingibed lura. Bdiet tingibed lura minnu anke f’affarijiet ohra, per ezempju, meta kienu johorgu hija kienet taqsam it-triq sabiex ma timxiex hdejh. Huwa jghid illi bdiet ikollha komportament stramb. Kien hemm xi okkazzjonijiet fejn kienu johorgu jieklu u kienet torqod fuq il-mejda. Qal ukoll illi kienet tkun hdejh u f’daqqa wahda tisparixxi ghal xi nofs siegha. Il-konvenut qal illi gieli ghamlu madwar seba xhur ma ikollomx x’jaqsmu flimkien. Fis-sodda kienet imbaghad tilbes hafna hwejjeg bhal *track suit* u flokk iehor minn taht u kienet tmur torqod in-naha l-

ohra tas-sodda. Bid-dwejjaq li kellhom bdew jahsbu li jekk ikollhom it-tfal, jingibdu iktar lejn xulxin. Ghalkemm kien ilhom ma ikollhom x'jaqsmu flimkien, l-attrici kienet thallieh imissha biex ikollhom it-tfal darba biss u bil-gurnata u bil-hin. Huwa kien jahseb illi peress illi l-attrici kienet *nurse*, kienet taf kif imorru l-affarijiet. Wara madwar xahrejn, tlett xhur jippruvaw, (forsi ippruvaw massimu ta' xi sitt darbiet) l-attrici kienet qaltlu li kien ahjar li jmur jaghmel xi testijiet ghaliex hija kienet diga' marret ghand il-ginekologu u qalilha li ma kien hemm xejn hazin fiha. Huwa qal illi l-attrici qatt ma qaltlu li kienet sejra ghand Dr. Mamo u lanqas it-testijiet qatt ma rahom. Ghalhekk issuggeriet illi jiehdu *sample* ta' l-*sperm* gewwa St.Mark's Clinic u hekk ghamlet u meta hargu hi qaltlu li it-test kien gie hazin u ghalhekk issuggeriet li ikellmu lil Dr. Mamo. Qal illi huwa ma setax jemmen ir-rizultat li kellu *zero sperm count* u meta kellmu lil Dr. Mamo, huwa kien infurmah illi ma jistax jaghtih medicinali. Huwa qallu madanakollu fil-presenza ta' l-attrici illi setghet issir operazzjoni sabiex jiskopru ir-raguni. Huwa haseb illi dan kien qed jghidulu ghaliex kien hemm xi soluzzjoni u kien mar ghandu ghaliex haseb illi l-problema setghet tittranga. Huwa qal illi kellu fiducja f' Dr. Mamo ghaliex kien jafu minn mindu kienu zghar u anke l-attrici kienet tafu ghaliex kienet tahdem fid-Dipartiment tieghu. Hallew xi hames xhur jghaddu u l-attrici bdiet takkuzah illi huwa kien jaf b'din il-kundizzjoni qabel, pero' hu qal illi dan ma kienx il-kaz.

Illi l-konvenut jixhed li sussegwentment huwa kien cempel lil Dr. Mamo u qallu li xtaq jaghmel l-operazzjoni li kellmu dwarha u ghalhekk isuggerielu li ikellem lil Dr. Alex Attard. Qallu li ma xtaqx li jghid lill-attrici ghal issa. Haseb illi mill-operazzjoni seta' ikun jaf ghalfejn u jifaccjaha biha. Kien tkellem fit-tul ma Dr. Alex Attard fuq din l-operazzjoni u dana kien baghtu St.James Haz Zabbar sabiex jaghmel xi testijiet. Sa dak il-hin huwa kien ghadu jahseb illi kien hemm xi possibilita' li seta' ikollu t-tfal. Wara li hareg minn ghand Dr.Attard u kien deciz lli ser jaghmel l-operazzjoni, hu kien informa lill-attrici b'dan u fil-fatt hija kienet marret mieghu. Il-konvenut sostna illi hija kienet taf b'kollox, inkluz il-gurnata meta kellha issir l-operazzjoni. Ir-raguni 'il ghala ma kienx qalilha li sejjer ghand Dr. Alex Attard

kienet ghaliex hija kienet tghidlu li ma kienx hemm ghalfejn jaghmel l-operazzjoni. Spicca mar jaghmel l-operazzjoni wahdu. Qal illi f'dak iz-zmien kellha lil ommha l-isptar u hu ma riedx jinkwetaha iktar. Waqt li kien l-isptar, l-attrici kienet marret l-ufficcju u staqsiet ghalih u kien hemm lavrant li wassalha Haz Zabbar. Fil-karozza hija kienet staqsietu 'il ghala ma kienx qalilha u hu wegibha illi hija kienet taf bil-gurnata meta kienet ser issir u din ma kinitx inbiddlet. Fil-ghaxija l-attrici kienet qaltlu biex johorgu, izda wara li kien libes hassu hazin fejn il-bieb u baqa' hemm sal-ghada fil-ghodu. L-attrici lanqas biss kienet cemplet ghat-tabib.

**(II) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qieghda tibbaza it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg** u precipwament ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (1) (c) u (1) (d)** u cioe' illi l-kunsens taghha inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u illi l-partijiet ma kellhomx dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghal hajja mizzewga u li ma kienux kapaci jassumu r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kienu qieghdin ibatu minnha.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga."*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-sub-artikolu:-

*"Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra"* (**"Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta’ dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta’ wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista’ jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f’ **“The New Marriage Law”** jghid li *“As t. J. Green puts it: “The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the ‘consortuim vitae … … if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the ‘consortuim vitae’ and the source of the error is juridically irrelevant.”*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *“xi kwalita tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”.* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **“John Borg vs Paula *sive* Polly Borg”** (P.A. (VDG) 22 ta’ Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*“kieku dak il-paragrafu **19 (1) (c)** gie formulat b’mod differenti, wiehed ikun jista’ jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-**artikolu 981 tal-Kodici Civili** li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta’ nullita’ ta’ zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg.”*

*“The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality **must be***

*objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial”.* (**Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed) 1993, Wilson and Lafleur, Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **“Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee’ Ignacakova”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**“Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et”** - P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta’ dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici tibbaza l-azzjoni taghha anke fuq dak li jipprovdi l**-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi li z-zwieg ikun null, taht din id-disposizzjoni tal-ligi:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi minn gurisprudenza kostanti jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m’huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta’ ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f’kuntratt ta’ zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita’ li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-

konoxxenza shiha ta' dak li igib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*." (Forum 1990. Vol.I. part 1, pg.72)

Il-kuncett tad-*discretio iudicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-present kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

Illi f'sentenza moghtija fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"**, deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (P.A. (RCP) - Cit.Nru. 1822/01RCP) gie deciz is-segwenti:

*"Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. … Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirttura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.".*

Illi fl-istess sentenza kompla jigi spejgat:-

*"Illi ghalhekk biex ikun hemm nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-***artikolu 19 (1)(d)** *irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew*

*kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.”*

Illi hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta fl-ismijiet **“Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** deciza fl-4 ta’ Novembru 1994 fejn il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal-***Pompedda*** l-Qorti sostniet:-

“*In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe’ col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa’ coniugale sia nei rigwardi dell’altra parte sia nei rigwardi della prole*.”

Illi l-istess sentenza tidhol fil-fond f’dak li ighid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

“*La discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva … La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell’emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e’ sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e’ il matrimonio, e’ necessaria la maturita’ di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e’ necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro*.”

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza 14 ta' Awissu 1995), din il-Qorti diversament presjeudta osservat is-segwenti:-

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within*."

Illi ghandu jigi precizat li s-**subiniciz (1) (d) ta' l-artikolu 19 tal-Kap 255** jaghti bazi ohra ghan-nullita taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens u din tikkonsisti f'dik li hija msejha bhala anomilja psikologika tali li taghmilha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. L-anomalija psikologika ghalhekk trid tkun wahda serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata: "*Inkapacita' jew impossibilita' vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita' di intendere e/o di volere".*

Illi fl-istess decizjoni hawn fuq citata, **"Louise Vella vs Louis Vella",** fil-fatt il-Qorti tenfasizza li :-

*"Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad- dritt kanoniku* ***(Can.1095 (3)),*** *tirrikjedi mhux semplici diffikulta', izda mpossibilita' li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi tajjeb li jinghad ukoll li ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu. Illi f'sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit.Nru. 2443/97RCP) fejn gie deciz:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap.255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma 'the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to ivis important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characterisitics.' (Viladrich, P.J. Op.Cit., p.687)".*

**(III) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi bejn il-koppja ma kienx hemm tfal. Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qieghda torbot l-azzjoni taghha abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** u dan peress li l-attrici qed tallega li l-konvenut qarraq biha ghaliex ma' kienx qaliha li huwa kien sterili u fil-fattt jirrizulta li l-konvenut kien sterili u

ghalhekk huma ma setghux ikollhom tfal miz-zwieg taghhom. Fil-fatt l-attrici mix-xhieda taghha tallega illi l-konvenut kien jaf b'din il-kudizzjoni jew seta' kien jaf biha u hbielha dana il-fatt. Tallega sahanistra illi l-konvenut ghamel *vasectomy* qabel iz-zwieg u b'dan huwa ma gharrafhiex.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi illi ghal l-attrici kien essenzjali illi hija ikollha t-tfal miz-zwieg taghha u meta irrealizzat illi wara hafna tentattivi l-possibilita' illi hija ikollha t-tfal mill-konvenut kienet ghal kollox inezistenti, il-hajja mizzewga taghha spiccat. Hawnhekk madanakollu il-ligi qieghda titkellem fuq qerq ezercitat mill-parti l-ohra intenzjonalment biex jikseb il-kunsens mehtieg ghaz-zwieg.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti, jirrizulta illi l-attrici ma irnexxiliex tipprova dak allegat minnha b'mod konvincenti. Fl-ewwel lok il-konvenut qieghed jichad illi dak allegat mill-attrici huwa minnu. Huwa jikkontendi illi ma kienx jaf bil-kundizzjoni fizika tieghu qabel ma' saru t-testijiet necessarji wara z-zwieg meta l-koppja bdew jippruvaw ghat-tfal u l-attrici ma inqabbdietx tqila. Ghalhekk ma irrizulta bl-ebda mod illi l-konvenut ezercita xi forma ta' qerq fuq l-attrici bl-intenzjoni illi igieghla tizzewgu. Minn imkien mill-provi ma johrog illi l-konvenut kien jaf minn qabel iz-zwieg li kien sterili u heba dan il-fatt mill-attrici. Mill-provi jirrizulta illi kien biss wara z-zwieg li saru diversi testijiet tal-fertilita' u l-koppja flimkien skoprew illi l-konvenut kien qieghed ibati minn kundizzjoni imsejjha "*azospermia*".

Illi ghandu jinghad fuq kollox illi x-xhieda ta' l-attrici f'partijiet minnha hija wkoll konfliggenti ghaliex fl-ewwel parti tax-xhieda taghha hija tghid illi l-koppja kienu skoprew minn ghand it-tobba illi l-konvenut kien qieghed ibati minn marda jew kundizzjoni illi hija ssejjah *Kliniferter's syndrome*, imbaghad iktar 'il quddiem fix-xhieda taghha hija tohrog b'hafna allegazzjonijeit li ma huma bl-ebda mod sostanzjati b'provi indipendenti u konkreti. Fil-fatt hija tixhed biss dwar kongetturi illi hija ghamlet bhal per ezempju meta tghid illi omm il-konvenut

indikatilha wara iz-zwieg illi binha kien ikontrattaha l-marda tal-*mumps* meta kien zghir u ma kienx inghata l-kura mehtiega – dana wassal lill-attrici biex tikkonkludi illi fis-subien marda bhal din mhux ikkurata tista' twassal ghall-isterilita, u ghalhekk hasset illi omm l-konvenut kellha tinfurmaha b'dana il-fatt. Jew inkella il-fatt illi l-konvenut kien qalilha illi habib tieghu kien ghamel *vasectomy*, wassalha biex tahseb illi anke l-konvenut seta' ghamel dan. Anke l-episodju dwar l-operazzjoni illi l-attrici allegat illi l-konvenut kien ghamel bil-mohbi taghha hija wkoll kemmxejn inverosimili, iktar u iktar fid-dawl tax-xhieda tal-konvenut illi ighid illi l-attrici kienet taf ben tajjeb illi huwa kien ser jaghmel dan l-intervent mediku u li sahansitra kienet taf bid-data meta kellha issir.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici ma irnexxiliex tipprova n-nullita taz-zwieg taghha taht dan il-kap ta' nullita' prevista fl-Att dwar Iz-Zwieg.

Illi issa jonqos li l-provi prodotti jigu ezaminati fid-dawl ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** citat mill-attrici. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-koppja zzewgu fl-1992 meta l-attrici kellha  tnejn u ghoxrin (22) sena u l-konvenut kellu tlieta u erbghin (34) sena u ghalhekk ma' hemm l-ebda dubju li l-istess partijiet kellhom l-etajiet taghhom.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi illi huma kienu ghamlu madwar sentejn jew tlieta johorgu flimkien u ghalhekk jidher illi kellhom zmien bizzejjed biex isiru jafu lil xulxin. *Inoltre* ghalkemm xi ftit wara li bdew johorgu flimkien, jidher illi l-konvenut kien hassar ir-relazzjoni ta' bejniethom, l-attrici regghet talbitu wara ftit sabiex jergghu jinghaqdu flimkien u l-konvenut accetta biex b'hekk din ir-relazzjoni wasslithom ghaz-zwieg.

Illi pero' ma hemm l-ebda dubju, u dan minkejja dak li sostniet il-perit legali fil-konjkluzzjonijiet taghha, li bejn l-istess partijiet kien hemm certa bruda serja qabel iz-zwieg tant li l-attrici stess tammetti hija kienet, fi kliem l-istess perit legali *"qed titttituba u tirrifletti sew dwar jekk kellhiex tidhol ghal dan iz-zwieg x'akatarx ghaliex kienet taf illi s-*

*sentimenti taghha lejn l-konvenut ma kienux dawk li abbazi taghhom tista' tinbena l-hajja mizzewga. Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi kien hemm certu bruda serja bejn il-koppja li immedjatament bdiet tikkaguna d-diffikultajiet fiz-zwieg taghhom".*

Illi min-naha tieghu ghalkemm veru li l-konvenut jidher illi kien ragel matur u kien imexxi in-negozju tieghu ma' hemm l-ebda dubju ta' xejn anke bil-mod kif huwa xehed li huwa kien ihoss ukoll indifferenza lejn l-attrici u jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom kemm qabel u kemm wara z-zwieg, tant li mix-xhieda kollha prodotta jidher car li l-konvenut izzewweg lill-attrici mhux ghaliex kien ihobba imma ghaliex ried li jkollu t-tfal u jidher li f'dan biss kien jaqbblu l-partijiet.

Illi minn dan kollu jirrizulta li kif l-partijiet indunaw li minhabba dak li rrizulta mill-ezamijiet medici kondotti fuqhom huma ma' setghux ikollhom tfal ir-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat ghal kollox u dan juri u jikkonferma li l-partijiet izzewgu biss lil xulxin sabiex ikollhom tfal. Vera li l-prokreazzjoni ta' l-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg, izda tali prokreazzjoni ta' l-ulied ma hijiex l-unika element essenzjali taz-zwieg u hemm hafna izjed elementi essenzjali li l-partijiet riedu jimpenjaw ruhhom sabiex jaghtu u jifhmu l-kunsens taghhom validament ghaz-zwieg u certament li l-kunsens validu ghaz-zwieg ma' ghandux ikun ikondizzjonat fuq jekk il-koppja jkollhiex tfal jew le.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti din kienet pero' l-unika raguni ghaliex il-partijiet izzewgu lil xulxin, u cjoe' dik li kull parti xtaqet li jkollha l-ulied u dan bla ebda element ta' mhabba, impenn jew konsiderazzjonijiet ohra dwar l-elementi l-ohra essenzjali taz-zwieg, inkluz dik li jghixu bhala familja flimkien b'mod indissolubbli u permanenti; dwar dan jidher car li l-partijiet l-ebda wahda minnhom ma' ikkonsidratu u ghalhekk ma' hemm l-ebda dubju f'kull parti kien hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, b'dan li l-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' l-**artikoli 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u dan kif l-istess attrici fil-fatt tvanta fic-citazzjoni

attrici u kif il-konvenut stess jammetti fl-ewwel eccezzjoni tieghu. F'dan il-kuntest din il-Qorti qed tiddikjara li assulutament ma' taqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali fil-kuntest ta' l-imsemmi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u f'dan is-sens hija qed tikkonferma l-konkluzzjonijiet taghha hawn raggunti fuq il-bazi ta' l-**artikoli** indikati mill-partijiet waqt il-kawza, b'dan li din il-Qorti ma' ghandhiex u lanqas ghandha bzonn tidhol fuq dak li espremiet il-Perit Legali fuq subartikoli ohra tal-ligi.

Illi l-attrici qieghda wkoll titlob lil din il-Qorti tiddikjara u tordna illi l-effetti ta' zwieg validu kienu jezistu sal-gurnata tad-dikjarazzjoni tan-nullita taz-zwieg u dana ukoll *ai termini* ta' l-**artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi huma fil-fatt id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 20** li jitkellmu dwar l-effetti ta' zwieg validu f'kazijiet ta' zwigijiet dikjarati nulli, fejn il-ligi tipprovdi testwalment illi din id-dikjarazzjoni ghandha issir biss fic-cirkostanzi illi l-kontendenti ikunu izewgu *in buona fede*. Fejn jidhlu t-tfal madanakollu l-effetti taz-zwieg validu ghandhom jigu ikkunsidrati li dejjem kienu jezistu.

Ili l-effetti taz-zwieg validu jistghu jezistu biss ghalhekk fejn iz-zewg partijiet jew wahda minnhom ikunu *in buona fede* u fil-konfront ta' l-ulied u wkoll fi kwistjonijiet dwar manteniment fejn il-ligi tipprevedi obbligu ta' hlas ta' manteniment ghal perjodu ta' hames snin mid-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg favur dik il-parti li ma kinitx hatja ta' din in-nullita'.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieg lli gie iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Ottubru 1992 huwa null u bla effett fil-ligi u dana fid-dawl ta' dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975** u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fid-dawl ta' dak suespost.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod

inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fis-16 ta' Ottubru 1992 huwa null u bla effett fil-Ligi u peress li l-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Tiddikjara, tiddeciedi u tordna li l-effetti ta' zwieg validu jibqghu jezistu sad-data meta din in-nullita` hawn dikjarata ta' dan iz-zwieg issir *res judicata* u dan *ai termini* tal-**artikolu 20 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

BI-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------